MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1004/2001/1

**L-Avukat Dottor David Tonna bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Irdeto Access B.V.**

**vs**

**Joe Zammit f'ismu proprju u kif ukoll in rappresentanza tad-ditta Timmaz (Hi-Fi/Satellite Systems)**
**u**
**l-Kontrollur tad-Dwana**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa mill-Avukat David Tonna bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Irdeto Access B.V. li permezz taghha wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' attrici topera fil-qasam tat-televizzjoni satellitari u hija l-propjetarja tad-drittijiet intelletwali li jinkludu, izda li mhumiex limitati ghall-privattivi, drittijiet ta' l-awtur u drittijiet ohra relatati, drittijiet relatati ma' protezzjoni ta' sigrieti industrijali u ta' informazzjoni konfidenzjali ohra inkluzi drittijiet ta' "know how" minghajr privattivi, disinji u "trademarks" li jikkomprendu dawn li gejjin – "Scrambler", "data encrypotor", "CA Module", "Irdeto Loader", u "Smart Cards" – u dan kif hu ben spjegat fl-affidavit ta' Graham Andrew Kill, Chief Executive Officer tas-socjeta' attrici hawn anness bhala Dokument "A";

Is-socjeta' attrici tipproduci Smart Cards li fuqhom jigi registrat "software" li flimkien ma apparat iehor jippermetti l-access ghat-televizzjoni satellitari u "pay-TV" u ta' liema "cards" u "software" is-socjeta attrici ghandha d-drittijiet ta' l-awtur;

Fis-27 ta' April, 2001, il-konvenuti, jew min minnhom, minghajr il-licenzja tas-socjeta attrici dahhlu jew ippruvaw idahhlu gewwa Malta, u/jew importaw temporanjament u/jew qieghdu gewwa zona hielsa jew mahzen hieles konsenja ta' tlett elef (3000) "gold wafer cards", maghrufin ahjar bhala "decoder cards" jew "Smart Cards", wiehed u tletin (31) "CI Modules" u erba' (4) "printed circuits", liema "decoder cards" jew "Smart Cards" bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap 414;

Dawn il-"cards" gew importati bhala "blanks", jigifieri vojta minn kull kontenut u li ghalhekk l-unika ghan taghhom huwa dak li jiffacilitaw it-tnehhija mhux awtorizzata jew iqarrqu b'mezz jew mezzi teknici applikati mis-socjeta attrici biex tipprotegi x-xoghol taghha kontra kkupjar ta' dan l-istess xoghol li huwa eligibbli ghad-drittijiet ta' l-awtur taht l-Att Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kap. 415) u dan bi ksur tad-drittijiet tas-socjeta attrici taht l-Artiklu 42(3) tal-imsemmi Kap 415;

Id-dhul gewwa Malta, importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta intelletwali huwa projbit skond l-artikolu 4 ta' l-istess Kap. 414;

Din il-konsenja ta' "cards" jinstabu mizmumin ghand il-Kontrollur tad-Dwana ai termini tal-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) Kap. 414, wara applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-istess Kontrollur wara li giet provduta lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista jiddeciedi dwar il-kaz;

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti, jew min minnhom, kisru d-drittijiet ta' l-awtur tas-socjeta attrici bl-importazzjoni ta' dawn id-"decoder cards" kontra l-att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kap. 415);

2. Tiddikjara u Tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles tal-imsemmija "cards" da parti tal-konvenut, jew min minnhom, jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini), Kap. 414;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi l-"cards" in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenuti, jew min minnhom, skond l-Artikolu 8 tal-Kap. 414 u taghti kwalunkwe provvediment li l-Qorti jidhrilha xieraq;

4. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) Kap. 414 fil-konfront tal-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa ngunti ghas-subbizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni annessa.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta’ notifika tac-citazzjoni lill-Avukat Generali ai termini tal-artiklu 181B(3) tal-Kap. 12.

2. Preliminarjament ukoll, illi l-esponent gie mharrek inutilment u mhux il-legittimu kuntradittur f’dawn il-proceduri stante li hija l-awtorita’ li ghandha l-obbligu li tara li kull ogget impurtat f’Malta ikun konformi mal-ligi, u din hija procedura biex ikun dikjarat li importazzjoni t’oggetti kisret il-ligi.

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent agixxa skruplozament skond il-provedimenti tal-Att VIII tal-2000, u ghalhekk m’ghandu jkun ikkundannat ihallas l-ebda spejjez.

4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-tielet u r-raba’ talba tas-socjeta’ attrici, huwa jirrimetti ruhu ghal dawk l-ordnijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti, b’mod partikolari lilu bhala l-awtorita’ li ghandha l-poter u l-obbligu li thaddem l-Att VIII tal-2000 u bhala l-awtorita’ li bhalissa ghandha fil-pussess taghha l-merkanzija in kwistjoni.

Bl-ispejjez u salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Joe Zammit f’ismu proprju u in rapprezentanza tad-ditta Timmaz li inforza taghha eccepixxa illi:

Qabel xejn l-attur noe jehtieg  jipprova li jgawdi d-drittijiet tal-awtur u tal-proprjeta’ intellettwali tal-*ismart cards* prodotti mis-socjeta’ attrici;

Fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju, la l-*ismart cards* importati mill-eccipjent kienu vojta – kif jammetti l-istess attur noe – allura qatt ma seta’ jkun hemm xi ksur tad-dirittijiet vantati mill-attur noe, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom ikunu michuda bl-ispejjes;

Permezz ta’ din il-kawza l-attur nomine qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara illi l-importazzjoni ta’ “decoder cards” li s-

socjeta' konvenuta ppruvat taghmel jiksru l-provvedimenti tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 415) u tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Proprjeta' Intellettwali (Kap 414). Qed titlob lill-Qorti tordna r-rimedji necessarji. Min-naha tieghu il-kontrollur tad-Dwana jsostni li ma messux gie mharrek. Il-konvenut l-iehor isostni li galadarba l-cards kienu vojta qatt ma setghu kisru d-drittijiet li jsostni li jgawdi l-attur nomine.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' Irdeto tan-Netherlands tipproduci teknologija ta' software ghat-trasmissjoni ta' films u xandir permezz ta' TV bi hlas. It-teknologija taghha hija accessibbli permezz ta' "smart cards", "decoder cards", li l-utent jikseb minghand ix-xandar bi hlas. L-ismart card imbaghad tintuza f'"satellite box" b'rizultat li l-utent ikun jista' jacceddi ghal-xandir permezz ta' via satellitari. Skond Stephen Kuster, mis-socjeta' attrici, xi hames socjetajiet jipproducu din it-teknologija (ara xhieda ta' Stephen Kuster fol. 52). Jirrizulta illi fis-27 ta' April, 2001 il-konvenut Joseph Zammit ipprova jdahhal Malta tlett elef decoder cards vojta li kienu nxtraw mit-Taiwan. L-ufficcjali tad-Dwana, li kienu gew avzati bl-ezistenza ta' xi uzu illegali ta' smart cards mir-Regional Intelligence Liasion Officers, zammewhom. Informaw lill-Avukat David Tonna, bhala rapprezentant ta' Irdeto, li kienet ukoll avzat lid-Dipartiment tad-Dwana bl-uzu illegali li kien qieghed isir.

Jirrizulta ukoll illi qabel dan il-perjodu, kienu gieli dahlu Malta "smart cards" "blank" u d-Dwana qatt ma kienet sabet oggezzjoni fir-rigward (Ara xhieda ta' Carmel Portelli a fol 95).

L-eccezzjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana

Il-Kontrollur isostni fost affarijiet ohra illi huwa qatt ma kien messu tharrek ghaliex din il-procedura hija intiza biex jigi dikjarat li l-importazzjoni kisret il-ligi. Id-Dwana ghandha l-obbligu li tara li l-importazzjoni f'Malta tkun dejjem konformi mal-ligi.

Hawnhekk din il-Qorti tqis li l-Kontrollur tad-Dwana ghandu ragun. Id-dipartiment tad-Dwana mexa regolarment u qeda l-funzjonijiet tieghu korrettement, tant li l-oggetti dubjuzi gew mizmuma milli jidhlu fil-pajjiz.

Inoltre, il-Qorti tikkonsidra li l-ligi tipprovdi ghar-rimedji f'kazijiet ta' ksur tal-ligi de quo, liema rimedji jigu attwati mill-kontrollur ukoll minghajr il-htiega li dan ikun parti fil-kawza. Huwa ben resaput illi jsiru ghexieren ta' kawzi fuq Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjeta Intellettwali fejn ir-rimedju moghti mill-Qorti jkun ordni lill-kontrollur sabiex il-merkanzija tigi distrutta. Dawn il-Qrati fic-cirkostanzi qatt ma esigew l-presenza tal-Kontrollur tad-Dwana. Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti tqis li f'din il-kawza il-Kontrollur tad-Dwana tharrek inutilment u ser tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

<u>L-eccezzjonijiet ta' Joe Zammit proprio et nomine</u>

Il-Qorti tibda biex tinnota illi galadarba l-importazzjoni sehhet fis-27 ta' April, 2001, hija applikabbli l-ligi fis-sehh dakinhar u mhux kif sussegwentement sostitwita bl-Att 1X tal-2003.

L-eccezzjonijiet ta' Joe Zammit essenzjalment isostnu zewg fatturi, l-ewwelnett dwar min fil-fatt ghandu dritt ta' proprjeta intellettwali tal-ismart cards innifishom u imbaghad ikompli billi jsostni li galadarba l-cards kienu vojta ma setghux jiksru d-drittijiet vantati mill-attur. Fir-rigward, din il-Qorti tikkonsidra li ma ngabet ebda prova li turi li fuq il-cards minnhom infushom l-attur nomine jgawdi xi drittijiet. Anzi, Stephen Kuster stess fix-xhieda estensiva tieghu, jikkonferma li d-drittijiet li ghandha Irdeto huma drittijiet fuq "software". Dan il-fatt huwa ukoll koncess fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess attur nomine.

Lanqas ma huwa kontestat li l-cards li nzammew mid-Dwana kienu fil-fatt vojta ghalkemm tat-tip li jistghu eventwalment jintlew bis-software li fuqu Irdeto tgawdi drittijiet.

"I can confirm that at the moment the card is a blank card and at the moment it cannot be used to gain access to plaintiffs company technology". Irdeto ssostni f'din il-kawza illi l-uniku uzu li ghandhom dawn il-cards huwa fil-kuntest ta' xandir bis-satellita u ghalhekk jaqghu taht il-provvediment tal-Art. 4 tal-Kap. 414 li jipprovdi illi:

*"id-dhul gewwa Malta, l-esportazzjoni jew ir-riesportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jinstabu li jkunu oggetti li jikkontravjenu dritt ta' propjeta' intelletwali huwa projbit";*

Il-konvenut ressaq bhala prova rapport tekniku redatt mill-espert Martin Bajada li kien gie nkarigat minn din il-Qorti diversament presjeduta fi procedura identika ghal dik odjerna (ara fol 137), li kien ikkonferma:
*a) Li mill-analisi tal-kampjuni (tnax b'kollox), dawn il-Gold Wafer Cards huma BLANKS.*

*b) Li l-uzu ta' Gold Wafer Cards huwa l-aktar popolari ghall-fini ta' Satellite Subscription jew Pay TV, pero' tali cards ghandhom uzi ohra kif spjegat hawn fuq.*

Inoltre l-istess espert kien ikkonferma li l-cards de quo jistghu potenzjalment jintuzaw ghal servizzi informatici ohra, bhal dawk bankarji u ta' internet.

Infatti l-istess Stephen Kuster mis-socjeta attrici jikkonferma:

"*But our complaint is regarding its potential use for such abusive purposes.*"

Ikompli jghid: *"At the moment therefore these cards as far as plaintiff company is concerned would be useless. But obviously one cannot exclude that our system would be hacked and as soon as it hacked than use can be made of this card. And so far this card can be used to gain access to broadcastings of our competitors but not so far of our company."*

Inoltre, l-istess Kuster jikkonferma ukoll illi fl-indagini investigattiva li ghamlet Irdeta fi hwienet f'Malta fejn kienu qed jinbieghu cards tas-satellita ikkargati abbuzivament, huma qatt ma marru fil-hanut tal-konvenut u qatt ma sabu xejn li seta' jwassalhom ghal xi agir illegali da parti tal-konvenut.

Lanqas ma tista' l-Qorti tiskarta l-fatt li qabel din l-okkazjoni cards ta' din l-ghamla kienu gew liberament importati f'Malta (ara xhieda ta' Carmel Portelli). Inolte, f'dokument mahrug mill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropeja datat 24/4/2003 (Com (2003) 198 final) dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva 98/84 EC intitolata Directive 98/84/EC of the European Parliament and of the Council of 20 November 1998 on the legal protection of services based on, and consisting of, conditional access jinghad illi *"blank smart cards or standard smart programmes do not as such qualify as illicit devices"*. Kwindi ladarba dawn il-cards per se ma jistghux jitqiesu bhala illeciti, kien obbligu fuq is-socjeta attrici li tressaq il-prova li l-unika skop tal-importazzjoni taghhom kien ghal ghan illecitu projbit mil-ligi li jikser id-drittijiet tal-awtur, prova li ma saritx sal-grad rikjest mil-ligi.

Din il-Qorti tqis li galadarba l-ksur tal-provvedimenti tal-ligi ma sehhx fil-fatt izda hemm biss possibilita li jsehh, l-attur ma rnexxilux jipprova l-allegazzjonijiet tieghu ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti. Fic-cirkostanzi ghalhekk it-talbiet tieghu ma jistghux jintlaqghu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tillibera lill-Kontrollur tad-Dwana mill-osservanza tal-gudizzju u tichad it-talbiet tal-attur nomine fil-konfront tal-konvenut proprio et nomine ghaliex mhux pruvati.

L-ispejjez jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------